**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju, 2019**

**Rikors Numru : 198/2019JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MS**

**vs.**

**JF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' ta' MS datat 7 ta' Mejju 2019, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewget lill-intimat fis-sebgha (7) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) (Certifikat taz-zwieg anness Dokument 'A').*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) (kopja annessa Dokument 'B').*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, KF li twieled fit-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u li llum huwa maggorenni, u TF li twieled fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002).*

*Illi l-intimat qieghed ihallas b'mod regolari l-manteniment ghall-bzonnijiet ta' ibnu*

*minuri T ai termini tal-imsemmi kuntratt, u ma hemm l-ebda arretrati dovuti.*

*Illi ghaddew ferm aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti MS titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat JF bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat huwa kontumaci (vide fol 16);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-intimat minkejja li gie moghti l-fakolta li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu, baqa' inadempjenti;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MS** xehdet illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Gunju 1997 u kienu ottjenew is-separazzjoni legali fit-28 ta' Settembru 2012 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan

iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied, li wiehed minnhom ghadu minuri. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Gunju 1997 (vide Certifikat Dok A, fol 2), u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, datat 28 ta' Settembru 2012 (vide Dok B, fol 3 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u tqis li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis ukoll, u dan in vista tal-kontumacja tal-intimat, li ma jidher li hemm ebda eccezzjoni li hija ghandha tissolleva ex-officio.

Ghalhekk jirrizulta illi ir-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**